REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1085

tad-19 ta' Ġunju 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 891/2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-Iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ([2]), (il-Ftehim) ġie ffirmat fil-25 ta' Novembru 2016. L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ġie awtorizzat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1995 ([3]) u l-konklużjoni tiegħu permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/730 ([4]).

(2) Skont it-termini tal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea għandha talloka ammont addizzjonali ta' 78 000 tunnellata għal din l-allokazzjoni għall-Brażil skont il-kwota tariffarja tal-UE "Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar", linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta' EUR 98 għal kull tunnellata, u għandha talloka ammont addizzjonali ta' 36 000 tunnellata lill-allokazzjoni attwali skont il-parti "Kwalunkwe pajjiż terz" tal-kwota tariffarja tal-UE "Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar", linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta' EUR 98 għal kull tunnellata.

(3) Fir-rigward tal-volum ta' 78 000 tunnellata allokati lill-Brażil skont il-kwota tar-rata tariffarja tal-UE, il-Ftehim jipprevedi wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha b'mod awtonomu tapplika rata fil-kwota ta' mhux aktar minn EUR 11 għal kull tunnellata matul l-ewwel sitt snin li matulhom dan il-volum ikun disponibbli u rata fil-kwota ta' mhux aktar minn EUR 54 għal kull tunnellata fis-seba' sena.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 ([5]) jipprovdi għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur taz-zokkor, inklużi dawk li joriġinaw fil-Brażil u kwalunkwe pajjiż terz. Sabiex wieħed jimplimenta l-kwoti tariffarji taz-zokkor preskritti fil-Ftehim, jeħtieġ għalhekk li dan ir-Regolament jiġi emendat skont dan.

(5) L-emendi proposti għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 108. 26.4.2017, p. 3.).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1995 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 308, 16.11.2016, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/730 tal-25 ta' April 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV: 6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja matul l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 108, 26.4.2017, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 891/2009, il-Parti I: Konċessjonijiet taz-zokkor tas-CXL jinbidel b'dan li ġej:

"Parti I: Konċessjonijiet taz-zokkor tas-CXL

Pajjiż terz	Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Kwantitajiet (tunnellati)	Rata fil-kwota (EUR/tunnellata)
L-Awstralja	09.4317	1701 13 10 u 1701 14 10	9 925	98
Kuba	09.4319	1701 13 10 u 1701 14 10	68 969	98
Kull pajjiż terz	09.4320	1701 13 10 u 1701 14 10	289 977 [1]	98
L-Indja	09.4321	1701	10 000	0

[1] Għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2016/2017, il-kwantità għandha tkun 262 977 tunnellata.

Pajjiż terz	Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Snin ta' kummerċjalizzazzjoni	Kwantitajiet (tunnellati)	Rata fil-kwota (EUR/tunnellata)
Il-Brażil	09.4318	1701 13 10 u 1701 14 10	2016/2017 sa 2023/2024	334 054	98
	09.4318	1701 13 10 u 1701 14 10	Minn 2024/2025	412 054	98
	09.4329	1701 13 10 u 1701 14 10	2016/2017 2017/2018 2018/2019 2019/2020 2020/2021 2021/2022 2022/2023	19 500 78 000 78 000 78 000 78 000 78 000 58 500	11 11 11 11 11 11 11
	09.4330	1701 13 10 u 1701 14 10	2022/2023 2023/2024	19 500 58 500	54 54"